

Il-Ħamis, 14 ta' Diċembru 2006

Azzjonijiet mibdija qabel il-31 ta' Diċembru 2006 skond dik id-Deċiżjoni għandhom ikompli jiġu irregolati, sat-tkomplija tagħhom, minn dik id-Deċiżjoni. Il-Kumitat previst fl-Artikolu 7 għandu għalhekk jiġi ssostitwit minn dak previst fl-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni preżenti.

*Artikolu 17***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 8(2)(3) u 10(bis) li għandhom japplikaw fid-data meta d-Deċiżjoni attwali għandha tieħu effett.

Magħmula fi Brussel, ...

Għall-Kunsill

Il-President

P6_TA(2006)0596

Prevenzjoni u Ġlieda kontra l-Kriminalità (Programm dwar is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet) *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Programm speċifiku dwar il-“Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità” għall-Perjodu 2007-2013 — Programm Ġenerali dwar “is-Sigurtà u s-Salvagwardja tal-Libertajiet” (COM(2005)0124 — C6-0242/2005 — 2005/0035(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni (COM(2005)0124) ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 34, paragrafu 2, punt c) tat-Trattat UE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 39, paragrafu 1, tat-Trattat KE, skond liema Artikolu huwa ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0242/2005),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 93 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0389/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Iqis li l-ammont ta' referenza finanzjarja indikattiv muri fil-proposta leġislattiva jeħtieġ li jkun kompatibbli mal-limitu ta' l-intestatura 3 A tal-qafas finanzjarju plurjennali ġdid u jfakkar li l-ammont annwali ma jtkomplex matul il-proċedura baġitarja annwali kif stabbilit fid-dispożizzjonijiet tal-punt 38 tal-Ftehma Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ⁽²⁾,

⁽¹⁾ Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

⁽²⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

Il-Ħamis, 14 ta' Diċembru 2006

3. Jistieden lill-Kummissjoni temenda l-proposta tagħha, skond l-Artikolu 250, paragrafu 2, tat-Trattat KE;
4. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurma lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
5. Jistieden lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsulta lill-Parlament jekk biħsiebu jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 1

Premessa 1

(1) Għandu jinkiseb l-għan ta' l-Unjoni li tipprovi liċ-ċittadini b'livell għoli ta' sigurtà fi ħdan *żona* ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, skond id-dispożizzjoni li hemm fir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 2, u fl-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, billi tevita u tiġġieled il-kriminalità, organizzata jew mhux.

(1) Għandu jinkiseb l-għan **prijoritarju** ta' l-Unjoni li tipprovi liċ-ċittadini b'livell għoli ta' sigurtà fi ħdan *żona* ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, skond id-dispożizzjoni li hemm fir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 2, u fl-Artikolu 29 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, billi tevita u tiġġieled il-kriminalità, organizzata jew mhux.

Emenda 2

Premessa 2

(2) Biex tħares il-libertà u s-sigurtà taċ-ċittadini u s-soċjetà tagħna mill-attivitajiet kriminali, l-Unjoni għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tevita, tagħraf, tinvestiga u sseħħ prosekuzzjoni tal-forom kollha ta' kriminalità b'mod effiċjenti u effettiv, b'mod partikolari f'każijiet li għandhom element **li jmur lil hinn mill-fruntieri**.

(2) Biex tħares il-libertà u s-sigurtà taċ-ċittadini u s-soċjetà tagħna mill-attivitajiet kriminali, l-Unjoni għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tevita, tagħraf, tinvestiga u sseħħ prosekuzzjoni tal-forom kollha ta' kriminalità b'mod effiċjenti u effettiv, b'mod partikolari f'każijiet **ta' kriminalità organizzata**.

Emenda 3

Premessa 5

(5) Hu meħtieġ u xieraq li jkunu estiżi l-possibbiltajiet għall-finanzjament tal-miżuri li għandhom l-għan li jipprevjenu u jiġġieldu l-kriminalità u li jkunu riveduti l-modalitajiet fl-interess ta' l-effikaċja, l-effiċjenza ta' l-ispejjeż u t-trasparenza.

(5) Hu meħtieġ u xieraq li jkunu estiżi l-possibbiltajiet għall-finanzjament tal-miżuri li għandhom l-għan li jipprevjenu u jiġġieldu l-kriminalità: **se jsiru sforzi biex b'mod partikolari jsir l-aħjar użu possibbli mill-aġenziji rilevanti grazzi għall-approċċ tal-kapaċitajiet ibbażati fuq l-aspetti direttament operattivi. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet tal-programm preżenti għandhom jippermettu** li jkunu riveduti l-modalitajiet fl-interess ta' l-effikaċja, l-effiċjenza ta' l-ispejjeż u t-trasparenza.

Emenda 4

Premessa 9

(9) Peress li l-għanijiet ta' l-azzjoni li trid tittieħed, partikolarment il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u dik li tmur lil hinn mill-fruntieri, ma jistgħux jinkisbu bis-sħiħ mill-Istati Membri u għaldaqstant, għal raġunijiet ta' skala u ta' impatt ta' l-inizjattiva, **jinkisbu aħjar** fuq il-livell ta' l-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat f'Artikolu 5 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea. B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil *hinn dak* li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(9) Peress li l-għanijiet ta' l-azzjoni li trid tittieħed, partikolarment il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u dik li tmur lil hinn mill-fruntieri, ma jistgħux jinkisbu bis-sħiħ mill-Istati Membri u għaldaqstant, għal raġunijiet ta' skala u ta' impatt ta' l-inizjattiva, **hemm bżonn ta' azzjoni** fuq il-livell ta' l-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat f'Artikolu 5 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea. B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil *hinn minn dak* li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

Il-Ħamis, 14 ta' Diċembru 2006

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 5

Premessa 11

(11) In-nefqa tal-programm għandha tkun kompatibbli *mar-rata massima* taħt Titolu 3 tal-*perspettiva finanzjarja*. Hu meħtieġ li tkun prevista flessibilità fid-definizzjoni tal-programm b'mod li jkunu jistgħu jsiru l-aġġustamenti eventwali fl-azzjonijiet previsti, b'mod li jwieġbu għall-evoluzzjoni tal-bżonnijiet matul il-perjodu 2007-2013. **Id-deċiżjoni għandha, għalhekk, tkun limitata għad-definizzjoni ġenerika ta' l-azzjonijiet previsti u l-arranġamenti amministrattivi u finanzjarji rispettivi.**

(11) In-nefqa tal-programm għandha tkun kompatibbli mal-limitu taħt *Intestatura 3 A tal-qafas finanzjarju plurijennali*. Hu meħtieġ li tkun prevista flessibilità fid-definizzjoni tal-programm b'mod li jkunu jistgħu jsiru l-aġġustamenti eventwali fl-azzjonijiet previsti, b'mod li jwieġbu għall-evoluzzjoni tal-bżonnijiet matul il-perjodu 2007-2013.

Emenda 6

Artikolu 3, paragrafu 1 punti a) u b)

a) **L-infurzar tal-liġi**

b) **il-prevenzjoni tal-kriminalità u kriminoloġija**

a) **il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-kriminoloġija**

b) **L-infurzar tal-liġi għall-iskop tal-ġlieda kontra l-attività kriminali u l-prevenzjoni tal-kriminali milli jibbenefikaw mill-attivitajiet kriminali tagħhom**

Emendi 7 u 8

Artikolu 3, subparagrafu 2, punt a)

a) li jippromwovi u jiżviluppa l-koordinament, *kooperazzjoni* u ftehim reċiproku fost l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi, awtoritajiet nazzjonali oħra u organi *relatati* ta' l-Unjoni;

a) li jippromwovi u jiżviluppa l-koordinament, *koperazzjoni* u ftehim reċiproku fost l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi, awtoritajiet nazzjonali oħra, *l-awtoritajiet reġjonali u lokali* u organi kompetenti ta' l-Unjoni, **filwaqt li jipproċedi speċjalment fir-razzjonalizzar ta' l-isforzi tagħhom, fit-tisħiħ ta' l-interoperabbiltà tagħhom filwaqt li jinkoraġġixxi t-tkabbir tan-numru ta' "Joint Investigation Teams" ikkor-dinati mill-EUROPOL kif ukoll il-miżuri ta' taħriġ u ta' ħolqien ta' kuxjenza fil-ġlieda kontra t-terroriżmu bbażata fuq il-koperazzjoni bejn is- CEPOL u l-EUROPOL;**

Emenda 9

Artikolu 3, paragrafu 2, punt b)

b) li jħeġġeġ, jippromwovi u jiżviluppa metodi u għodda orizzontali meħtieġa biex il-kriminalità tkun evitata u miġġielda strateġikament, per eżempju bi sħubijiet pubbliċi-privati, l-aqwa Prattika fil-prevenzjoni tal-kriminalità, tqabbil ta' statistika u kriminoloġija applikata;

b) li jħeġġeġ, jippromwovi u jiżviluppa metodi u għodda orizzontali **kif ukoll l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri** meħtieġa biex il-kriminalità tkun evitata u miġġielda strateġikament, per eżempju bi sħubijiet pubbliċi-privati (**b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet attwali u futuri f'oqsma sensitivi bħaż-żamma u l-ħarsien ta' data**) l-aqwa Prattika fil-prevenzjoni tal-kriminalità, tqabbil ta' statistika u kriminoloġija applikata **speċjalment permezz tal-ħolqien ta' tagħmir awtonomu ta' "benchmarking"**;

Il-Ħamis, 14 ta' Diċembru 2006

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 10

Artikolu 3, paragrafu 2, punt c)

c) li tkun promossa u żviluppata l-aqwa prattika għall-ħarsien tal-vittmi tal-kriminalità u x-xhieda.

c) li tkun promossa u żviluppata l-aqwa prattika għall-ħarsien tal-vittmi tal-kriminalità u x-xhieda **speċjalment bit-twaqqif ta' bażi soda għal fondi ta' kumpens permanenti u addizzjonali għas-sistemi nazzjonali varji, li jipprovdu livell garantit minimu komuni ta' protezzjoni u kumpens;**

Emenda 11

Artikolu 3, paragrafu 2, punt c a) (ġdid)

c a) il-promozzjoni, fi ħdan proġetti adatti, il-kunċett ta' "l-involviment taċ-ċittadini" u t-tħeġġiġ ta' inizzjattivi bbażati fuq l-involviment attiv tas-soċjetà ċivili u taċ-ċittadini tagħha fit-titjib tas-sigurtà globali.

Emenda 12

Artikolu 3, paragrafu 3

3. Il-programm ma jitrattax *dwar il-kooperazzjoni* ġuridika. Madankollu, jista' jkopri xi azzjonijiet li jkollhom l-għan ta' kooperazzjoni bejn awtoritajiet ġuridiċi u awtoritajiet responsabbli mill-infurzar tal-liġi.

3. Il-programm ma jitrattax il-koperazzjoni ġuridika. Madankollu, jista' jkopri xi azzjonijiet li jkollhom l-għan ta' kooperazzjoni bejn awtoritajiet ġuridiċi u awtoritajiet responsabbli mill-infurzar tal-liġi **speċjalment permezz ta' l-istabbiliment, fil-qafas tal-koperazzjoni bejn il-EUROPOL u l-EUROJUST, ta' unità permanenti u ta' emerġenza ta' assistenza legali responsabbli mill-evalwazzjoni, bbażata fuq is-sitwazzjoni li twassal għal konsiderazzjoni ta' każ, liema bażi legali tista' tintuża sabiex testendi l-operat tal-pulizija u/jew tas-servizzi tas-sigurtà b'konformità sħiħa mal-liġi.**

Emenda 26

Artikolu 5, paragrafu 1

1. Il-programm hu mmirat għall-aġenziji ta' infurzar tal-liġi, organi, atturi u istituzzjonijiet pubbliċi u/jew privati oħra, atturi u istituzzjonijiet oħra, inklużi awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, l-imsieħba soċjali, universitajiet, uffiċċji ta' statistika, media, għaqdiet mhux governattivi, **sħubijiet pubbliċi-privati** u organi internazzjonali rilevanti.

1. Il-programm hu mmirat għall-aġenziji ta' infurzar tal-liġi, l-organi, l-atturi u l-istituzzjonijiet pubbliċi u/jew privati l-oħra, l-atturi u l-istituzzjonijiet l-oħra, inklużi l-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, l-imsieħba soċjali, l-universitajiet, l-uffiċċji ta' statistika, il-media, l-għaqdiet mhux governattivi, l-organi internazzjonali rilevanti, **kif ukoll is-sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat bil-kundizzjoni li dawn ta' l-aħħar jibqgħu ristretti fil-kuntest ta' l-oqsma tematiċi msemmija fl-Artikolu 3(1), punti b) u c) u jiġu sottomessi għal kontroll strett min-naħa tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, b'mod speċifiku tad-dritt tal-ħarsien tad-dejta personali.**

Emenda 13

Artikolu 6 paragrafu 1

1. L-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni jista' jieħu l-forom legali segwenti:

- (a) l-għotjiet
- (b) il-kuntratti ta' akkwisti pubbliċi.

1. L-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni jista' jieħu l-forom legali segwenti, **skond it-tifsira ta' l-Artikoli 108 u 88 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament Finanzjarju";**

- (a) l-għotjiet ,
- (b) il-kuntratti ta' akkwisti pubbliċi.

Il-Ħamis, 14 ta' Diċembru 2006

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 14

Artikolu 6, paragrafu 2 a) (ġdid)

2 a) L-aċċess għall-finanzjament hu ffaċilitat bl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità rigward dokumenti li jridu jiġu pprovduti u bil-ħolqien ta' bażi ta' data għall-preżentazzjoni tat-talbiet.

Emenda 15

Artikolu 7, paragrafu 3 a) (ġdid)

3 a) Il-Kummissjoni għandha tissimplifika kemm jista' jkun il-proċeduri u tiżgura li s-sejthet għal proposti inklużi f' dan il-programm ma jkunux ta' piż burokratiku żejjed għall-promoturi tal-proġetti proposti. F'dak il-każ, is-sejħa għall-proposti tkun tista' tiġi organizzata f'żewġ fażijiet, hekk li l-ewwel waħda ma tkunx teħtieġ għajr li tintbagħat l-informazzjoni strettament neċessarja għal evalwazzjoni xierqa tal-proġett.

Emenda 16

Artikolu 7, paragrafu 5, punt (d)

(d) l-impatt ġeografiku ta' l-attivitajiet imwettqa;

(d) l-impatt ġeografiku **u soċjali** ta' l-attivitajiet imwettqa;

Emenda 17

Artikolu 9

1. Meta ssir referenza għal dan l-Artikolu, **ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jibgħat lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz, fi żmien limitat li l-Presidentza tista' tistipula skond l-urġenza tal-kwistjoni, f'każ ta' bżonn b'votazzjoni.**

2. Meta ssir referenza għal dan l-Artikolu **l-Artikoli (3) u (7) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw.**

3. **L-opinjoni għandha tkun miżmuma fil-minuti; kull Stat Membru jista' jitlob li l-pożizzjoni tiegħu tkun miżmuma fil-minuti.**

Il-Kummissjoni għandha tagħti l-akbar qies possibbli lill-opinjoni mogħtija mill-Kumitat. Hi għandha tinforma lill-Kumitat dwar il-mod ta' kif l-opinjoni kienet ikkunsidrata.

Emenda 18

Artikolu 14, paragrafu 1 a) (ġdid)

1 a) Il-Kummissjoni għandha tieħu ħsieb li l-attivitajiet pertinenti ta' din id-deċiżjoni isirulhom evalwazzjonijiet qabel, monitoraġġ u evalwazzjoni ex post. Hija għandha tiżgura li l-programm ikun aċċessibbli u implimentat b'mod trasparenti.

Il-Ħamis, 14 ta' Diċembru 2006

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONIEMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 19

Artikolu 14, paragrafu 2

2. Il-Kummissjoni għandha toffri evalwazzjoni regolari, indipendenti u esterna tal-programm.

2. Il-Kummissjoni għandha toffri evalwazzjoni regolari, indipendenti u esterna tal-programm. **Hija għandha torganizza wkoll skambji ta' opinjonijiet mal-benefiċjarji tal-programm dwar id-disinn, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-programm.**

Emendi 20 u 21

Artikolu 14, paragrafu 3

3. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:

- a) rapport ta' evalwazzjoni interim dwar ir-riżultati miksuba u l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni tal-programm mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2010;
- b) Komunikat dwar il-kontinwazzjoni tal-programm mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010;
- c) rapport ta' evalwazzjoni ex-post mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2015.

3. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, **lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali:**

- a) **rapport annwali fil-qosor li jinkludi b'mod partikulari l-informazzjoni meħtieġa biex jitkejjel is-suċċess, minn perspettiva kwantitattiva, ta' dan il-programm;**
- a) **tliet snin wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni**, rapport ta' evalwazzjoni interim dwar ir-riżultati miksuba u l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-programm;
- b) erba' snin wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, komunikat dwar il-kontinwazzjoni tal-programm;
- c) rapport ta' evalwazzjoni **dettaljat** ex-post mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2015 **dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-programm hekk kif jintemm.**

Emenda 22

Artikolu 14 a) (ġdid)

Artikolu 14 a

Trattament ugwali

L-organi li jibbenefikaw minn sussidju minn dan il-programm għall-funzjonament tagħhom jistgħu jipparteċipaw f'sejħiet għal proposti għal programmi oħrajn mingħajr madankollu ma jibbenefikaw minn trattament speċjali vis à vis organizzazzjoni oħra ffinanzjati minn baġits oħrajn mhux ta' l-Unjoni Ewropea.

Emenda 23

Artikolu 14 b) (ġdid)

Artikolu 14 b

Rikonoxximent tal-finanzjamenti

L-istituzzjonijiet, l-assoċjazzjonijiet u l-attivitajiet kollha li jirċievu għotja minn dan il-programm, għandhom l-obbligu li jirrikonoxxu l-appoġġ mogħti mill-Unjoni; għal dan l-iskop il-Kummissjoni tistabbilixxi linji gwida dettaljati dwar il-viżibilità.

Il-Ħamis, 14 ta' Diċembru 2006

TEST PROPOST
MILL-KUMMISSJONI

EMENDI
TAL-PARLAMENT

Emenda 24

Artikolu 14 c) (ġdid)

Artikolu 14 c)

Tixrid tar-riżultati

Sabiex jiġi ffaċilitat it-tixrid tar-riżultati, l-għodod iġġenerati mill-proġett iffinanzjati minn dan il-programm u relatati b'mod partikolari ma' l-istatistika u data dwar il-kriminalità, għandhom ikunu disponibbli għal pubbliku mingħajr ħlas permezz ta' mezzi elettroniċi.

Emenda 25

Artikolu 14 d) (ġdid)

Artikolu 14 d)

Pubblikazzjoni tal-proġetti

Kull sena, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jipubblikaw il-lista tal-proġetti ffinanzjati minn dan il-programm b'deskrizzjoni qasira ta' kull programm.

P6_TA(2006)0597

L-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (regolament) *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2424/2001 dwar l-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (COM(2006)0383 — C6-0296/2006 — 2006/0125(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0383) ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra Artikolu 66 tat-Trattat KE, skond liema ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0296/2006),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0410/2006),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
2. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.